VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,350, 2 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 418 tal-2014

ORDINANZA HUWA L-ORDINANZA DWAR IT-THARIS MILL-MARD (KAP. 36)

Regolamenti tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Ordinanza huwa l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu permezz tal-artikoli 84 u 87 tal-Ordinanza huwa l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Ordinanza huwa l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard.

Jirrevoka leġislazzjoni sussidjarja.

2. (1) Il-leġislazzjoni sussidjarja msemmija fis-subregolament (2) hi b'dan revokata, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtha.

(2) Il-leġislazzjoni sussidjarja revokata huma dawn li ġejjin:

- ir-Regolamenti dwar it-Trasport ta' Bhejjem, Annimali u Bajd bejn Malta u Għawdex (L.S. 36.08),

- ir-Regolamenti dwar it-Trasport ta' Fniek ta' l-Indji bejn Malta u Għawdex (L.S. 36.10),

- ir-Regolamenti dwar il-Moll għall-Iżbarkar ta' Bhejjem ta' Barra (L.S. 36.11).